**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Avviz Nru. 12/2016MV**

**Green MT Limited (C42136)**

**Vs**

**Victor Mizzi (K.I. nru. 631057M**

**Illum, l-01 ta' Lulju, 2020**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti Green MT Limited li gie prezentat fit-22 ta' Jannar, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' ghaxart elef u erba' mitt Ewro (€10,400) rapprezentanti rizarciment ta' hlas maghmul lilu mis-socjeta' rikorrenti, ghal prezz ta' servizzi ta' gbir ta' skart reciklabbli mill-Mellieha lejn l-EkoCentre (Wasteserv) bil-vettura CBS-587, liema servizz ma wettaqtx u nonostante xorta thallast taghhom.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tal-intimat li giet ipprezentata fir-registru tal-Qorti fit-18 ta' Frar 2016 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *"Illi t-talbiet odjerna gja gew decizi fil-kawza numru 222/2015/CSH ghax it-talbiet huma identici ghat-Talbiet odjerni u ghalhekk huwa res judicata u dan fil-16 ta' Dicembru 2015.*

2. *Illi minghajr pregudizzju t-talbiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

3. *Illi l-esponenti dejjem wettaq is-servizz ta' gbir u garr ta' skart reciklabbli mill-Mellieha lejn l-Eco-centre (Wasteserv) skond il-ftehiem milhuq."*

Rat li l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat giet deciza permezz ta' sentenza preliminari ta' l-24 ta' Mejju, 2017 li permezz taghha cahdet l-istess eccezzjoni tal-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni orali tas-socjeta' rikorrenti kif ukoll ta' l-intimat tat-18 ta' Jannar, 2020.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti f'din il-kawza hija ghal rizarciment ta' hlas maghmul mill-istess socjeta' lill-intimat fis-somma ta' ghaxart elef u erba' mitt Ewro (€10,400), rapprezentanti servizzi ta' gbir ta' skart reciklabbli mill-Mellieha lejn l-EkoCentre gewwa Wied il-Ghajn, liema servizz skond is-socjeta' rikorrenti ma nghatax.

L-intimat cahad dak allegat mis-socjeta' rikorrenti u spjega li huwa kien ingagga terza persuna u cioe' Clayton Mizzi sabiex dan ta' l-ahhar jghinu fl-inkarigu moghti lilu filwaqt li ccara li r-raguni ghaliex huwa kien jidhol fl-impjant ghat-tieni darba fl-istess gurnata, ftit tal-minuti wara li huwa hareg, kien propju ghaliex it-trakk tieghu kien ikun mimli u kien ikun hemm Clayton Mizzi bil-vann, liema vann ma kellux permess jidhol gewwa l-impjant. Skont l-intimat, huwa kien johrog mill-impjant, ibattal il-vann ghal got-trakk u jerga jidhol jarmi.

**PROVI**

Nhar it-23 ta' Mejju, 2018 xehed **Joe Attard**[1] fil-kapacita' tieghu ta' Kap Ezekuttiv ta' l-iskema Green MT. Huwa spjega li Green MT hija skema awtorizzata mill-Awtorita' tar-Rizorsi u Ambjent biex fost affarijiet ohra tigbor skart riciklabbli mill-lokalitajiet f'Malta u Ghawdex.

Ix-hud xehed li l-iskart jingabar permezz ta' kuntratturi li jintaghzlu bi ftehim mis-socjeta' rikorrenti u mill-kunsill lokali tal-lokalita'. Zied jghid li l-intimat Victor Mizzi kien inkarigat

[1] A folio 49 - 55 tal-process.

sabiex jigbor l-iskart riciklabbli gewwa l-Mellieha bejn Novembru tas-sena 2013 u Awwissu 2014, darbtejn fil-gimgha u cioe' nhar ta' Tlieta u Hamis.

Joe Attard spjega li wara li jigbor l-iskart huwa kien jinzel fl-impjant ta' Sant'Antnin gewwa Marsaskala fejn hemm kien jarmih. Hemmhekk, il-WasteServ kienet taghtih ircevuta bid-dettalji ta' x'hin dahal u l-gross weight u meta johrog jerga' jinghata biljett iehor bil-hin x'hin hareg u bil-piz fil-hin ta' hrug.

Ix-xhud spjega li fl-operat tieghu l-intimat kien jidhol fl-impjant ibattal l-iskart, johrog u jerga jidhol ftit tal-minuti wara bl-iskop li jitlob il-hlas ta' zewg vjaggi. Joe Attard prezenta dokumentazzjoni a folio 56-59 tal-process, liema dokumentazzjoni hija prova tal-fatt li l-intimat kien jerga' jidhol fl-impjant ghat-tieni darba ftit tal-hin wara li hareg. Huwa zied jghid "*Ma hemm l-ebda stat ta' fatt li minn Sant' Antnin Marsascala ghal Mellieha ma tistax tmur u terga' tigi fi zmien disa' minuti. U ghalhekk ahna nikkontendu bhala skema li kull ma kien qed jigri kien li kien hatt nofs il-vjagg johrog barra jistenna minuti jew tnejn u jerga' jidhol lura. Din it-tendenza hija segwenti fl-erbgha u hamsin vjagg li ghamel u li huma elenkati f'dan id-dokument u ghalhekk l-iskema ssostni li t-tieni vjagg li kull darba gie invoiced lill-iskema kien invoice li mhux suppost sar lill-iskema Green MT. Kull vjagg jiswa mitejn euro*"[2], liema vjaggi thallsu lill-intimat.

In **kontro ezami**, x-xhud spjega li l-intimat gie inkarigat mill-Kunsill lokali tal-Mellieha sabiex jigbor l-iskart riciklabbli, liema skart seta' jingabar f'darba stante li kif jirrizulta mid-

[2] A folio 51 tal-process.

dokumentazzjoni li prezenta huwa stess, nhar ta' Tlieta l-intimat kien jaghmel vjagg wiehed biss minkejja li l-lokalita' tal-Mellieha hija meqjusa bhala lokalita' kbira, filwaqt li kompla jiccara li l-hlas kien isir skont is-servizz li attwalment inghata.

Mistoqsi meta twaqqaf l-inkarigu moghti lill-intimat, ix-xhud spjega li dan twaqqaf f'Settembru tas-sena 2014 meta effettivament indunaw x'kien qieghed isir mill-istess intimat fejn jirrigwarda hlasijiet.

Xehed **Stephen Cachia**[3] rapprezentant ta' Transport Malta nhar is-27 ta' Gunju, 2018 li spjega li kopja tal-*log book* tal-vettura CBS-587, ma jistax jigi pprezentat peress li l-*log book* jinzamm ghand is-sid izda pprezenta estratt komputerizzat li juri d-dettalji kollha li hemm fuq il-*log book*. Huwa xehed li din il-vettura hija ta' ghamla Dennis Elite *refusal disposal* registrata fuq Victor Mizzi detentur tal-karta ta' l-identita 631057(M) u din il-vettura ilha hekk irregistrata mit-tnejn ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha.

**Joseph Sare'**, rapprezentant tal-Wasterserv xehed nhar is-27 ta' Gunju, 2018[4] fejn prezenta dokumentazzjoni konsistenti *f'weighing reports* mill-ewwel ta' Lulju elfejn u ghaxra sal-wiehed u tletin ta' Dicembru ghal perjodu ta' 5 snin filwaqt li spjega l-process:

"*Mela tidhol il-vettura fuq il-weighing bridge, hemm il-cameras kollox rekordjat igifieri. L-ewwel bridge operator staqsih x'materjal ghandu u l-lokalita' minn fejn gej. Jekk hu fuq Green*

[3] A folio 67 tal-process.
[4] A folio 73 – 85 tal-process.

*MT jew Green Pak huma it-tnejn li jkollhom booklet, jekk ma jkollux il-booklet ma naccettawhx. Umbghad nirregistrawlu kollox, jtuh it-ticket u jidhol jarmi. Hemm hekk hemm l-inspectors jaraw x'qieghed jarmi, jerga jigi l-weighing bridge u naghmlulu l-final ticket, kollox jkun rekordjat igifieri. L-importanti li jkollhom il-booklets ta' kumpaniji".*

Ix-xhud spjega li l-Wasteserv ma tistax tirrifjuta l-ebda kollettur galadarba dan ikollu l-*booklet*, irrispettivament kemm-il darba jidhol gewwa l-impjant, filwaqt li zied li huma jzommu *record* ta' kollox inkluz hin li dahlu kif ukoll il-*wieght*.

In **kontro ezami** l-istess xhud spjega li l-*gross weight* indikat fid-dokument li huwa pprezenta jirreferi ghal *weight* kemm jizen it-truck b'kollox u cioe' bil-'waste' fih.

Mistoqsi jispjega kif jista' jkun li l-istess kollettur dahal fl-impjant disgha (9) minuti biss wara li kien hareg, Joseph Sare' spjega li huwa mpossibli li jmur il-Mellieha u jerga lura filwaqt li kompla jghid "*Jien bhala analizi ta' data jekk qed nara il-biljett quddiemi jkun hemm certu noti fuqhom. Dan kien hemm gap qasir biex mar u rega' gie. Bhala kumpanija ma nistawx nirrifjutaw il-'waste' kif qed nghidlek u jkollu l-booklet ... Igifieri skond l-approval tal-kumpanija li tqabdu qed tifhimni. Pero' certu affarijiet ma nkunx nista niccekja jien fuqhom jridu jiccekjaw fuqha il-kumpanija li tqabbdu umbghad. Pero' milli qed jidher qed jirrizulta li dahal f'gap qasir ma jistax jaghmel gabra f'temp qasir*".

Mitlub jikkonferma li r-*recyclable bags* huma ehfef mill-boroz is-suwed, ix-xhud kkonferma filwaqt li kompla jghid li fi

kwalunkwe kaz il-piz tat-truck jkun rekordjat qabel ma johrog mill-impjant.

Fix-xhieda tieghu tas-16 ta' Jannar 2019, l-istess xhud prezenta biljetti ta' meta l-intimat mar jarmi gewwa l-impjant u kompla jghid "*Meta jigi truck jarmi f'isem kumpanija bhal Green MT jkollhom il-booklet ta' Green MT biex jigi accettat. L-operator jaghmel it-ticket u dan jidhol jarmi. X'hin jigi biex johrog jerga' jaghmillu biljett, jiffirmahulu, jiffirmah ukoll il-klijent jew lil min jibghat jekk ma jkunx hu. Ghandi kopja ta' citt ukoll tal-Green MT. Sinjura Magistrat jekk imorru pagna numru tnejn, ghandi number two li hu mmarkat two. Igifieri number two kellna kaz li dahal fl-erbatax ta' Novembru u rega' dahal umbghad f'hin inqas minn siegha, dahal twelve thirty six, u rega' dahal twelve forty four bi tieni vjagg li dan huwa impossibli ... Dan number two li semmejna wiehed minnhom, dan dahal bil-vjagg tal-Mellieha b'wiehed, dahal jbattal twelve forty three, hareg il-barra u rega' dahal fi twelve fifty four bi vjagg iehor mill-Mellieha. Impossibli taghmlu dak in half an hour tmur il-Mellieha tigbor il-gabra u terga' tigi ... ahna nohduh bir-real weight, il-weight reali li jkollu fuqu. Ghax jekk dan dahal u ma dumpjax kollox, ahna nara l-weight ta' li rema biss, forsi ma kellux aptit jarmi kollox jew kellu xi haga ohra. Gbidnielu l-weight u hallas fuq dak il-weight. F'dan il-kaz dahal jbattal il-klijent, ma remix kollox, rega' hareg il-barra u f'inqas minn half an hour ghamel*".

Ix-xhud innega li l-intimat seta' hareg mill-impjant, ghabba t-truck tieghu minn truck iehor li seta' kien hemm barra jistennih u rega' dahal u dan minhabba l-hin qasir.

L-intimat **Victor Mizzi** xehed nhar is-27 ta' Frar, 2019 fejn spjega li x-xoghol tieghu jikkonsisti fil-gbir ta' l-iskart bl-iskamel. Qal li huwa kien inkarigat jigbor ir-*recycle bags* mill-Mellieha u johodhom fl-impjant gewwa Wied il-Ghajn.

Ix-xhud spjega li fil-bidu huwa kien idur b'zewg trakkijiet. Jghid li peress li t-toroq gewwa l-Mellieha huma dojoq, huwa kien inkariga lil persuna ohra u cioe' Clayton Mizzi sabiex jghaddi b'vann jigbor fit-toroq dojoq. Huwa spjega li hekk kif kienu jispiccaw kienu jibqghu nizlin gewwa Wied il-Ghajn fejn l-ewwel kien jidhol ihott il-boroz li kien gabar huwa, jerga johrog mill-impjant, jghabbi t-trakk bl-iskart li jkun gabar tal-vann u jerga jidhol jarmi fl-impjant. Mistoqsi kemm kienu jdumu jbatlu l-vann ghal got-trukk, l-intimat spjega li meta kienu jkunu 3 persuni, kienu jaghmlu dan f'madwar ghaxar minuti.

In **kontro ezami**[5] nhar it-22 ta' Mejju, 2019 Victor Mizzi spjega li huwa kien idur bil-vettura ta' l-ghamla Dennis, Scammel li kien jesa tlett tunnellati jew tlett tunnellati u nofs. Mitlub jerga' jispjega x'kien imqabbad jaghmel il-vann, huwa qal li kien jaghmel it-toroq id-dojoq kif ukoll Santa Maria Estate u kif jlesti kienu jwaddbu l-*waste* kollu fit-trakk. Xehed li dan kien isir fit-triq gewwa l-Mellieha stess u meta l-iskart migbur ma kienx joqghod kollu fit-trakk, il-vann kien jinzel mieghu fl-impjant gewwa Wied il-Ghajn.

Mistoqsi kemm kien ihallas lil tal-vann huwa qal "*Daqqa sittin, daqqa tmenin, skont kemm jahdimli*".

---

[5] A folio 161 – 164 tal-process.

**Clayton Mizzi**, il-persuna allegatament imqabbda mill-intimat sabiex jigbor l-iskart fit-toroq dojoq xehed nhar is-27 ta' Frar, 2019[6], fejn spjega li huwa kien jahdem ma' l-intimat bil-vann "*bil-kaxxa, picker truck qisu u kont nitla' nohodlu toroq fejn ma kienx jghaddi [hu] regolari*" u wara jinzel warajh gewwa Marsaskala. Huwa jispjega li l-process kien jikkonsisti fis-segwenti: *"Mill-van tieghi nitfghu fit-truck ghax hu jidhol hemm gew, go trakk tieghu u jien nitlaq l'hemm u hu jerga' jistenna wara t-trafik jew xi haga biex jerga' jidhol hu hemm gew*".

In **kontro ezami**, l-istess xhud xehed li l-vann huwa tal-marka Kia izda ma jiftakarx ir-*registration number* ta' l-istess vann. Mitlub jispjega liema toroq kien inkarigat jaghmel, huwa jispjega "*In-naha tal-knisja perezempju hemm certu toroq dojoq. Imbaghad generalment meta ma kienx joqghodlu hu, dak ghandu kaxxa kbira tieghi l-vann, generalment, minghalija l-Hamis l-iktar li kienu tkun l-affari, ninzel warajh Wied il-Ghajn ghax kien jimtlielu, il-kolletturi jibqghu mieghi, hu jitlaq, u nitfghu qisu l-ahhar tlett toroq, erba' toroq li jkun fadal gol-vann, nibqa' niezel Wied il-Ghajn ghalih jiena. Kif johrog hu, ibattal". Huwa spjega li dan l-ezercizzju kien isir Wied il-Ghajn stess. In oltre, mistoqsi jispjega kemm kien jithallas huwa qal "minghalija erbghin, tletin, insejt, dan ilu naqra ta".*

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi huwa principju fondamentali fil-ligi taghna li in materja ta' provi l-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat

[6] A folio 150 – 152 tal-process.

minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) (Vol.XLVI.i.5 iccitat fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" **-** A.I.C. (PS) 12 t'April 2007). Tant li "*fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta'* – Ara Vol. XXXVII/i/577".

Il-Qorti hija obbligata li tiddeciedi minn dak li jirrizulta fl-atti. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir abbazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat. Ghal dan il-ghan il-Qorti "*tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc ta' probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."* (Ara "**Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**" P.A. (MCC) deciza fl-24 ta' Novembru 1966, u "**Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia et**" P.A.(NC) 1523/1997/1 deciza fil-5 ta' Ottubru 2004).

Fl-apprezzament tal-evidenza, l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni.

Illi l-intimat sostna li r-raguni ghaliex huwa kien jidhol darbtejn fl-istess gurnata gewwa l-impjant ftit minuti 'l boghod mill-hin li huwa hareg, huwa propju ghaliex kien ikun hemm Clayton Mizzi jistennih barra sabiex ibattlu l-vann ghal got-trakk tieghu.

In sostenn ghal dan l-argument huwa tella' lill-istess Clayton Mizzi sabiex jixhed.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-dokumentazzjoni prezentata minn Joseph Sare', rapprezentant tal-Wasteserv, a folio 86 – 106 tal-process**, mill-liema dokumentazzjoni jirrizulta li t-trakk ta' l-intimat kien jidhol lura fl-impjant ftit tal-minuti wara bl-istess piz ezatt ta' kemm hareg,** bl-ewwel darba tkun is-7 ta' Novembru 2013 fejn huwa hareg mill-impjant il-piz ta' 11820 u reggha dahal ghat-tieni darba ftit tal-minuti wara bl-istess piz u cioe' 11820 (a folio 101 tal-process). L-istess jinghad ghal kull darba li l-intimat hareg u reggha dahal fl-impjant

Fil-fatt mill-istess dokument jirrizulta s-segwenti:

| **Data** | **Hin Dhul** | **Piz Hrug** | **Hin Dhul tieni darba** | **Piz dhul tieni darba** |
|---|---|---|---|---|
| 14/11/2013 | 12:36:04 | 12000 | 12:44:28 | 12000 |
| 21/11/2013 | 12:32:40 | 11660 | 12:42:11 | 11660 |
| 28/11/2013 | 12:36:04 | 12320 | 12:49:50 | 12320 |
| 05/12/2013 | 12:33:14 | 12160 | 12:42:56 | 12160 |
| 12/12/2013 | 12:45:34 | 11680 | 12:54:34 | 11680 |
| 19/12/2013 | 12:33:19 | 12260 | 12:41:00 | 12260 |
| 26/12/2013 | 11:17:47 | 11440 | 11:27:29 | 11440 |
| 09/01/2014 | 12:33:58 | 11940 | 12:40:24 | 11940 |
| 16/01/2014 | 13:30:06 | 11660 | 13:40:04 | 11660 |
| 23/01/2014 | 12:45:28 | 11640 | 12:53:00 | 11640 |
| 04/02/2014 | 13:10:56 | 12560 | 13:27:00 | 12560 |
| 11/02/2014 | 1:44:27 | 12320 | 12:51:38 | 12320 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13/02/2014 | 11:52:18 | 12280 | 11:28:06 | 12280 |
| 18/02/2014 | 12:59:51 | 12800 | 13:06:31 | 12800 |
| 20/02/2014 | 11:48/14 | 12420 | 12:53:41 | 12400 |
| 25/02/2014 | 12:40:04 | 12580 | 12:48:04 | 12580 |
| 27/02/2014 | 12:47:56 | 11820 | 12:55:48 | 11820 |
| 04/03/2014 | 13:08:15 | 12940 | 13:21:43 | 12940 |
| 06/03/2014 | 11:52:00 | 12060 | 12:34:56 | 12060 |
| 11/03/2014 | 13:27:54 | 12760 | 13:44:21 | 12780 |
| 13/03/2014 | 11:36:51 | 11860 | 11:45:39 | 11860 |
| 18/03/2014 | 13:33:27 | 12580 | 14:07:41 | 12580 |
| 20/03/2014 | 11:42:40 | 11860 | 12:44:30 | 11860 |
| 25/03/2014 | 12:47:53 | 13040 | 13:00:04 | 13040 |
| 27/02/2014 | 12:45:01 | 11760 | 12:55:16 | 11740 |
| 01/04/2014 | 13:15:19 | 13320 | 13:31:16 | 13220 |
| 03/04/2014 | 12:54:19 | 11960 | 13:03:18 | 11960 |
| 08/04/2014 | 12:38:28 | 12240 | 12:50:12 | 12300 |
| 11/04/2014 | 12:54:03 | 11740 | 13:02:48 | 11740 |
| 15/04/2014 | 13:10:12 | 12360 | 13:33:12 | 12360 |
| 17/04/2014 | 12:42:41 | 11800 | 12:51:51 | 11800 |
| 22/04/2014 | 13:35:33 | 11920 | 13:44:26 | 11940 |
| 24/04/2014 | 11:38:38 | 11480 | 11:45:10 | 11500 |
| 29/04/2014 | 13:01:47 | 12600 | 13:10:14 | 12600 |
| 01/05/2014 | 10:57:06 | 11220 | 11:03:36 | 11220 |
| 08/05/2014 | 13:14:54 | 12540 | 13:21:27 | 12540 |
| 15/05/2014 | 18:23:08 | 11740 | 18:30:42 | 11760 |
| 22/05/2014 | 14:37:24 | 12280 | 14:48:09 | 12280 |
| 29/05/2014 | 12:35:44 | 11880 | 12:42:43 | 11880 |
| 05/06/2014 | 12:54:45 | 12100 | 13:03:27 | 12100 |
| 12/06/2014 | 13:15:39 | 12360 | 13:29:33 | 12360 |
| 19/06/2014 | 12:35:29 | 11920 | 12:46:02 | 11920 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 26/06/2014 | 12:57:00 | 12520 | 13:12:13 | 12520 |
| 03/07/2014 | 12:59:15 | 12540 | 13:09:52 | 12540 |
| 10/07/2014 | 12:54:23 | 12160 | 13:03:56 | 12160 |
| 17/07/2014 | 12:53:35 | 12300 | 13:01:58 | 12300 |
| 24/07/2014 | 12:46:32 | 12680 | 12:58:38 | 12660 |
| 31/07/2014 | 12:31:58 | 11960 | 12:40:52 | 11960 |
| 07/08/2014 | 12:40:05 | 12640 | 12:47:59 | 12640 |
| 14/08/2014 | 13:54:08 | 12000 | 14:03:43 | 12000 |
| 21/08/2014 | 12:59:54 | 12200 | 13:08:01 | 12200 |
| 28/08/2017 | 13:16:15 | 11820 | 13:27:00 | 11820 |

Jirrizulta ampjament ippruvat li l-piz tat-trakk fil-hin tal-hrug (tielet kolonna) kien ezatt l-istess piz tat-trakk meta l-istess trakk rega' dahal lura fl-impjant ghat-tieni darba (il-hames kolonna), ghajr ghal drabi zghar hafna u cioe' ghal sitt (6) darbiet fejn il-piz kien naqas b'mod minimu ta' circa 20.

Dan kollu jikkontrasta max-xhieda ta' l-intimat Victor Mizzi li nsista li huwa kien johrog mill-impjant, jghabbi t-trakk mill-vann ta' Clayton Mizzi u jerga' jidhol jarmi fl-impjant ghat-tieni darba. Illi ghalhekk jirrizulta li l-verzjoni ta' l-intimat Victor Mizzi ma ghandhiex mis-sewwa, tant li kif irrizulta mid-dokument hawn fuq imsemmi, ma huwiex minnu li huwa kien jghabbi t-trakk, stante li rrizulta ampjament ppruvat li l-intimat kien jidhol fl-impjant bl-istess piz li hareg l-ewwel darba.

Il-Qorti tinnota li lanqas ix-xhud prodott mill-intimat ma xehed is-sewwa! Mhux talli ma kienx qieghed jghid il-verita' tant li lanqas biss seta' jiftakar in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura tieghu stess u wisq anqas kemm kien jithallas minnghand l-intimat ghas-servizz li huwa qal li kien jipprovdi lill-istess intimat.

Madanakollu jirrizulta mill-provi li kienu 53 darba fejn l-intimat dahal u hareg u mhux 54 kif allegat s-socjeta' rikorrenti.

Il-Qorti madanakollu tinnota li 53 vjagg bil-mitejn Ewro il-wiehed jammonta ghal ghaxar t'elef u sitt mitt Ewro (€10,600) u cioe' somma akbar minn dik mitluba. Galadarba l-Qorti giet mitluba l-ammont fiss ta' €10,400 minghajr il-possibilita' li s-somma tkun akbar jew anqas, l-istess Qorti ma tistax tikkundanna lill-intimat ghal kwalunkwe somma aktar. Ghaldaqstant sejra tillimita s-somma pagabbli lis-socjeta' rikorrenti ghal dik mitluba mill-istess socjeta'.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tichad it-tieni u tielet eccezzjonijiet ta' l-intimat Victor Mizzi; u

2. Tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti billi tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' ghaxart' elef u erba' mitt Ewro (€10,400) rapprezentanti ammont imhallas indebitament mis-socjeta rikorrenti lill-intimat ghal servizz li ma giex rez lis-socjeta rikorrenti u bl-imghax kummercjali mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu ta' l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur